# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Saviour Baldacchino u Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Ramy Gamal Elasrag**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Ramy Gamal Elasrag** (aktar l-isfel magħruf bħala "Ramy") detentur tal-passaport Eġizzjan numru A 13384179 fejn ġie mixli nhar il-31 t'Awissu 2015 għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija ġewwa l-inħawi ta' Ġnien tal-Mall, il-Floriana :

1. Bil-vjolenza ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Jayson Nepuerto aggravat bil-fatt li kien mgħejjun minn persuna oħra ċjoe Helmy Mohamed Elmosaty u dan skont l-Artikoli 198 u 202(d) tal-Kodiċi Kriminali.

2. Bla ordni skont il-Liġi tal-Awtorita kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Jayson Nepuerto kontra l-volonta tiegħu bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. Talli kkommetta Serq ta' flus kontanti kif ukoll apparat telefoniku għad-detriment ta' Jayson Nepuerto liema serq huwa kwalifikat bil-valur (li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2329.37), bil-vjolenza u bil-ħin skont l-Artikoli 261(a)(c)(f), 262(b), 267, 270, 275, 279(a) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tal-5 ta' Settembru 2015 l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat li l-Qorti kompliet bis-smiegħ tax-xiehda u baqgħet tirċievi dokumenti u dan skont diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 7 ta' Marzu 2017, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-atti tal-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' **Ramy Gamal Elasrag** fl-Artikoli 17, 23, 31, 86, 198,

261(a)(c)(f), 262(b), 267, 270, 275, 277(a), 279(a), 280(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul is-seduta tal-10 t'April 2017 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;

Rat li matul l-istess seduta, il-Qorti ordnat li tiġi moqrija n-nota tar-rinviju għall-ġudizzju fir-rigward tal-imputat;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

*Ikkunsidrat : -*

Illi f'dan il-każ il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Mill-kumpless tal-provi prodotti jirriżulta li r-reat ta' stupru vjolent ġie kommess fuq il-persuna ta' Jayson Nepuerto. Ġie pruvat soddisfaċentement li Jayson Nepuerto ried u akkonsentixxa li jagħmel is-sess ma' Helmy Elmosaty. Dan huwa konfermat minnu stess meta jgħid dan u jidher li kien soddisfatt għax kien jiffansjah. Iżda daqskemm kien ċar li ried li jkun penetrat minn Elmosaty għax iffansjah (u dan wara li kien raħ għall-ewwel darba f'ħajtu u wara konversazzjoni ta' madwar għoxrin minuta), daqstant ieħor kien ċar li huwa ma riedx li jkollu relazzjonijiet mal-imputat.

Ġie pruvat li fil-mument waqt li Nepuerto u Helmy kienu qegħdin jagħmlu s-sess bilwieqfa fi ġnien pubbliku fil-Floriana, l-imputat, li qabel kien qiegħed flimkien ma' Helmy, baqa' ftit metri l-bogħod minnhom. Biss meta Helmy lesta, l-imputat resaq lejn Nepuerto u tah x'jifhem li l-imputat ried li jagħmel is-sess ma Nepuerto, iżda Nepuerto imbuttah (fol 62). Sadattant Helmy illarga ftit metri l-bogħod, u l-imputat qabad lil Nepuerto minn għonqu u ppenetrah. Helmy ttanta jisraq il-handbag lil Nepuerto, li kien kostrett jissara biex ma jinsteraqlux il-handbag filwaqt li l-imputat ippenetrah analment. Helmy imbagħad ġab bott tal-

birra mgħaffeġ u ppuntah lejn Nepuerto (fol 63). Kien f'dak il-mument li Helmy seraq il-basket lil Nepuerto u b'hekk spiċċa kemm stuprat kif ukoll misruq.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat jiċħad li kien hemm kuntatt sesswali bejnu u bejn Nepuerto. Huwa jgħid ukoll li Nepuerto ma kienx qallu li ma kienx ħa pjeċir bih. Iżda mill-banda l-oħra l-evidenza xjentifika kontenuta fir-relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar turi li d-DNA li ġie estratt bl-***automated megnetic resin DNA extraction*** li ttieħdu mill-kampjuni li ttieħdu minn qalziet ta' taħt u T-shirt li kien liebes Nepuerto fil-ħin ta' meta l-imputat ippenetrah analment irriżulta li dawn kienu pożittivi għal ***acid phosphatase***. Irriżulta li wara li dan il-kampjun ġie mqabbel mal-kampjun ta' DNA meħud mill-imputat irriżulta li dan qabel mad-DNA estratt bl-***automated megnetic resin DNA extraction*** li ttieħdu mill-kampjuni li ttieħdu minn qalziet ta' taħt u T-shirt li kien liebes Nepuerto fil-ħin ta' meta l-imputat ippenetrah analment. Il-Qorti għalhekk hija soddisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li din il-prova turi wkoll li kien hemm mhux biss il-presenza tal-imputat fil-post fejn kien hemm Nepuerto, iżda wkoll li kien hemm dawn it-traċċi ta' acid phosphatase (minn sperma jew likwidu seminali ieħor) appartenti lill-imputat fuq l-indumenti ta' Nepuerto.

Din il-prova xjentifika, magħquda max-xiehda konvinċenti ta' Nepuerto dwar kif żvolġew ruħhom il-fatti f'dan il-każ tikkonvinċi lil Qorti sal-

grad rikjest li r-reat ta' stupru ġie realment kommess fuq il-persuna ta' Nepuerto. Ix-xiehda ta' Nepuerto takkwista aktar kredibbilita meta jitqies li dan, stuprat u misruq, ma ddejjaq xejn li jagħmel distinzjoni bejn is-sess magħmul ma Helmy u s-sess magħmul mal-imputat. Fejn huwa saħaq li s-sess ma Helmy kien konsenzjenti u gradit, huwa stqarr li s-sess mal-imputat la kien konsentit u wisq anqas gradit. Iżda aktar minn hekk jirriżulta mix-xiehda ta' Nepuerto stess li dak li serqu ma kienx effettivament l-imputat iżda kien Helmy. Jiġifieri l-imputat ma gidibx fuq Helmy – ħaġa li setgħa għamel faċilment u jimplikah ukoll fi stupru biex b'hekk ipattihielu wkoll għall-fatt li seraqlu l-handbag. Iżda Nepuerto ma jagħmilx hekk. Huwa jinsisti li Helmy seraqlu l-handbag, iżda s-sess miegħu kien gradit. Mill-banda l-oħra Nepuerto jinsisti li l-imputat stuprah kontra r-rieda tiegħu u billi eżerċita vjolenza fuqu anke billi rażżnu u żammu minn għonqu waqt li kien qiegħed jippenetrah analment bil-wieqfa. Iżda ma jimplikax lill-imputat fl-azzjoni tas-serq tal-handbag tiegħu. Għal darb'oħra Nepuerto setgħa faċilment implika lill-imputat fis-serq tal-handbag ukoll – iżda ma għamilx hekk. Dawn id-dettalji jikkonvinċu lill-Qorti li l-verżjoni tal-fatti rakkontata minn Nepuerto hija veritjiera u kredibbli. Skont kif intqal fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Denis Pandolfino et*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar id-19 t'Ottubru 2006:

> **Illi ghalkemm hemm xi kontrasti bejn il-versjoni guramentata tax-xhieda ta' Omissis (1) u dik kontenuta fl-istqarrija tal-akkuzat Anthony Pandolfino, dan ma jfissirx li necessarjament allura dan l-akkuzat irid jigi liberat mill-akkuza ta' stupru vjolent. Dan ghaliex skond l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali *"...f' kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss , jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex***

***taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar."***

**Illi mbaghad, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (**"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne" **[9.7.2003]) *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament***

***iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."***

*Meta kkonsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti lahqet il-konvinciment morali rikjest fil-proceduri kriminali li x-xhieda guramentata ta' Omissis (1), mhux kontradetta minn ebda xhud iehor, li hu kien jigi stuprat* "per anum" *mill-akkuzat Anthony Pandolfino hija aktar attendibbli mill- versjoni li ta' istess akkuzat fl-istqarrija tieghu w li ghalhekk ir-reat ta' stupru vjolent, pero' biss fil-konfront ta' dan il-minuri, dedotta fir-raba' kap ta' l-Att ta' l-Akkuza giet pruvata lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.*

Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dak li dak li ġara eżatt dakinhar tal-inċident huwa rifless fid-deposizzjoni ta' Nepuerto kif sorrett mill-provi ċirkostanzjali u xjentifiċi aktar il-fuq imsemmija. Biss il-Qorti ma tqisx li dan l-istupru kien kwalifikat skont kif imputat fis-sens li fit-twettieq tal-istupru l-imputat kien mgħejjun minn persuna oħra stante li l-provi ma jwasluhiex li tista' tikkonkludi li kien mgħejjun minn Helmy fit-twettieq tal-istupru vjolent.

***Ikkunsidrat : -***

Il-Qorti temmen lil Nepuerto meta jgħid li huwa ġie miżmum minn għonqu waqt li kien qiegħed jiġi stuprat. Il-Qorti tifhem li huwa ġie miżmum minn għonqu biex l-imputat ikun jista' jistuprah.

F'dan il-każ jirriżulta pruvat li l-imputat żamm lill-Nepuerto kontra r-rieda tiegħu u dan kemm qabel kif ukoll waqt li kien qed jiġi stuprat, sabiex ikun jista' jiġi stuprat. Il-Qorti hija ben konxja mill-ġurisprudenza lokali li qieset li r-reat t'arrest illegali kwalifikat ma jistax jitqies integrat meta si tratta taż-żamma ta' persuna sabiex din tkun tista' tiġi stuprata. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Denis Pandolfino et*** aktar il-fuq imsemmija:

> Ikkonsidrat;
>
> Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.
>
> Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar- reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn *"consenting adults"* taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. [1]

Fil-fehma tal-Qorti ma ġiex pruvat soddisfaċentement li l-imputat żamm lill-Nepuerto minn għonqu sabiex Helmy jkun jista' jisraqlu l-basket. Nepuerto jikkolloka s-serq tal-basket tiegħu u forma ta' reżistenza minn naħa tiegħu billi pprova jiġbed il-basket lura filwaqt li

---

[1] Il-Qorti hawnhekk ma tidħolx fuq deskrizzjoni jew tifsira ta' kif iż-żamma tal-persuna fl-att sesswali tista' tkun u tħalli dan fid-diskrezzjoni tal-Ġudikant biex jiddetermina minn każ għal każ. Biss fil-każ in disamina, jirriżulta li Nepuerto ma ġiex miżmum minn qaddu jew spaltu iżda minn għonqu u dan sar sabiex ikun jista' jiġi ppenetrat.

l-imputat kien qiegħed iżommu minn għonqu u kontemporanjament jippenetrah analment. Iż-żamma ta Nepuerto minn għonqu minn naħa tal-imputat kienet tippreċedi s-serqa tal-handbag da parti ta' Helmy u l-Qorti tqisha direttament marbuta mar-rieda tal-imputat li jżomm taħt kontroll u jrażżan lill-Nepuerto milli jipprova jaħrablu minn taħt idejh fil-mument li huwa kien irid u kien qiegħed jippenetrah analment kontra r-rieda tiegħu.

Il-Qorti tqis li l-imputat ma għandux jirrispondi għar-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mix-xiehda ta' Nopuerto u dik ta' Helmy, il-Qorti hija konvinta sal-grad tal-probabbli li l-imputat ma kienx responsabbli mis-serq tal-effetti personali ta' Nepuerto.

# ***<u>DEĊIDE</u>***

li wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota għar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu aktar il-fuq imsemmija, u ċjoe' fl-Artikoli 17, 23, 31, 86, 198, 261(a)(c)(f), 262(b), 267, 270, 275, 277(a), 279(a), 280(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti ma ssibx lill-imputat **Ramy Gamal Elasrag** ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan

stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-elementi tar-reati ipotizzati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u għalhekk tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena.

Fil-kontemp pero il-Qorti qegħda ssib lill-imputat **Ramy Gamal Elasrag** ħati tal-ewwel imputazzjoni. Kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputat, nonche ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li fih seħħ ir-reat de quo, tikkundanna lil **Ramy Gamal Elasrag** għal piena ta' **erba' snin** priġunerija.

Peress li l-imputat ġie misjub ħati ta' reat u li jolqot l-ordni pubbliku u ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sena, ai termini tal-Artikolu 5(2)(a)(d) tal-Kapitolu 217 l-Att dwar l-Immigrazzjoni il-Qorti tirrakkomanda lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex meta jiskonta s-sentenza tiegħu l-imputat jiġi ddikjarat bħala immigrant ipprojbit skont kif jipprovdi Artikolu 5(2)(a)(d) tal-Kapitolu 217 l-Att dwar l-Immigrazzjoni u tittieħed l-azzjoni meħtieġa għar-rimpatriju.

**Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta,**
**illum is-6 ta' Diċembru 2017.**

*Aaron M. Bugeja*